Fid-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabilità, aħna nemmnu li l-edukazzjoni għandha tkun vjaġġ kontinwu. Il-viżjoni tagħna hija li nipprovdu sistemi personalizzati ta' tagħlim għal kull adult f'Malta u Għawdex.

Qed tipprova titgħallem suġġett ġdid, issir kwalifikat/a f'impjieg differenti, titħarreġ f'lingwa ġdida, jew tiżviluppa l-ħiliet tiegħek? Id-Direttorat joffri korsijiet f'iktar minn 80 suġġett li jvarjaw minn ħiliet bażiċi sa livelli akkademiċi iktar avvanzati.

Għandna tim dedikat li joffri gwida u għajnuna f'kull fażi tat-tagħlim tiegħek: fl-applikazzjoni, waqt il-kors stess, u anki fir-rigward tal-opportunitajiet tiegħek wara li tlesti l-kors.

Biex tirreġistra tista':

- tapplika onlajn (http://www.lifelonglearning.gov.mt),
- tapplika fi kwalunkwe Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex,
- tapplika f'Ċentru tas-Servizz.gov (żur www.servizz.gov.mt/en/Pages/Servizz/Locations/default.aspx għall-indirizzi u l-ħinijiet tal-ftuħ)

Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew diffikultajiet dwar il-proċedura tar-reġistrazzjoni jew kif il-korsijiet jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalik, tista' ċċemplilna fuq 153 ext.14, jew tibgħat imejl fuq servizz@gov.mt